**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Emanuele Di Mauro**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Emanuele Di Mauro ta' 34 sena bin Paolo u Lina nee' Mancameli imwieled l-Italja (Siracusa) fis-27 ta' Jannar 1982 u joqghod 'Bencarm' Triq il-Marfa, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita' numru 134312A;

Talli fil-5 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00 hrs) fi Triq il-Marfa, limiti Mellieha:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Roderick Bartolo detentur tal-karta tal-identita' numru 312579M, skont kif iccertifikat it-Tabib Edith Sciberras MD (Numru tar-Reg. 5674), mil-Mosta Health Centre;

2) Aktar tard talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsarat u cioe kisser in-nuccali tax-xemx, liema

hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamisn euro (€250), ghad-detriment ta' Roderick Bartolo detentur tal-karta tal-identita' numru 312579M;

3) Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-verbal ta' llum stess, fejn il-parti leza debitament assistita mill-avukat taghha, iddikjarat illi m'ghandha ebda pretensjoni kontra l-imputat, u ma sofriet ebda dannu gravi u permanenti f'dan l-incident;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 328, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda tiddikjara dawn il-proceduri ezawriti.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**